SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

28 ta' Lulju 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proċedura għal deċiżjoni preliminari b'urġenza — Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI — Artikolu 26(1) — Mandat ta' arrest Ewropew — Tnaqqis tal-perijodu ta' detenzjoni skontat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni — Kunċett ta' 'detenzjoni' — Miżuri li jillimitaw il-libertà minbarra l-priġunerija — Arrest domiċiljarju flimkien mal-ilbies ta' ċappetta elettronika — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikoli 6 u 49"

Fil-Kawża C-294/16 PPU,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa minn Sąd Rejonowy dla Łodzi-Śródmieścia w Łodzi (qorti tal-muniċipalità ta' Łódź – ċentru ta' Łódź, il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Mejju 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Mejju 2016, fil-proċedura

**JZ**

vs

**Prokuratura Rejonowa Łódź-Śródmieście,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President ta' Awla, C. Lycourgos (Relatur), E. Juhász, C. Vajda, u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: M. Aleksejev, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Lulju 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna u J. Sawicka, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u M. Hellmann, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn C. R. Brodie, bħala aġent, assistita minn D. Blundell, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Owsiany-Hornung u S. Grünheid, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-19 ta’ Lulju 2016,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta’ Ġunju 2002, dwar il-mandat ta’ arrest Ewropew u l-proċeduri ta’ ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta’ Frar 2009 (ĠU L 81, p. 24, iktar ’il quddiem id-“Deċiżjoni Kwadru 2002/584”).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża bejn JZ u Prokuratura Rejonowa Łódź-Śródmieście (prosekutur tal-muniċipalità ta’ Łódź, il-Polonja) dwar it-talba tal-persuna kkonċernata intiża sabiex jitnaqqas, mill-perijodu totali tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà li hija ġiet ikkundannata għaliha fil-Polonja, il-perijodu li matulu l-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni tal-mandat ta’ arrest Ewropew, jiġifieri r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, applika fil-konfront tagħha sorveljanza elettronika tal-post ta’ soġġorn, flimkien ma’ arrest domiċiljarju.

### Il-kuntest ġuridiku

*Il-KEDB*

3 L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f’Ruma fl-4 ta’ Novembru 1950 (iktar ’il quddiem il-“KEDB”), intitolat “Id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà”, jistabbilixxi fil-paragrafu 1 tiegħu, li “[k]ull persuna għandha d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà”.

*Il-Karta*

4 Skont l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta’ l-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”), intitolat “Id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà”, “[k]ull persuna għandha d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà”.

5 L-Artikolu 49 tal-Karta, intitolat “il-prinċipji ta’ legalità u ta’ proporzjonalità ta’ reati u ta’ pieni”, fil-paragrafu 3 tiegħu jipprovdi li “s-severità tal-piena m’għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat”.

6 L-Artikolu 52 tal-Karta, intitolat “L-ambitu u l-interpretazzjoni ta’ drittijiet u ta’ prinċipji”, jistabbilixxi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

“3. Safejn din il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-[KEDB], it-tifsira u l-ambitu ta’ dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija. Din id-dispożizzjoni ma żżommx lil-liġi ta’ l-Unjoni milli tipprevedi protezzjoni aktar estensiva.

[...]

7. L-ispjegazzjonijiet imfassla bħala gwida għall-interpretazzjoni ta’ din il-Karta għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta mill-qrati ta’ l-Unjoni u ta’ l-Istati Membri.”

*Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584*

7 Il-premessa 12 tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584 tiddikjara li hija tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 UE u riflessi fil-Karta, partikolarment fil-Kapitolu VI tagħha.

8 Skont l-Artikolu 1(3) ta' din id-Deċiżjoni Kwadru:

"Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligazzjoni għar-rispett ta' drittijiet fondamentali u prinċipji legali fondamentali kif miġbur fl-Artikolu 6 [UE]."

9 L-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas, intitolat "Iż-żamma tal-persuna f'detenzjoni", jipprovdi li:

"Meta persuna tiġi arrestata abbażi ta' mandat ta' arrest Ewropew, l-awtorità ġudizzjarja ta' [eżekuzzjoni] għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk il-persuna rikjesta għandhiex tibqa' f'detenzjoni, skond il-liġi ta' l-Istat Membru ta' [eżekuzzjoni]. Il-persuna tista' tiġi meħlusa proviżorjament fi kwalunkwe ħin f'konformità mal-liġi domestika ta' l-Istat Membru ta' [eżekuzzjoni], bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tieħu l-miżuri kollha li tikkunsidra meħtieġa biex tippreveni li l-persuna taħrab."

10 L-Artikolu 26, intitolat "Tnaqqis fil-perjodu ta' detenzjoni skontat fl-Istat Membru ta' [eżekuzzjoni]" li jinsab fil-Kapitolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584, intitolat "Effetti tal-konsenja", jipprovdi li:

"1. L-Istat Membru emittenti għandu jnaqqas il-perjodi kollha ta' detenzjoni li jirriżultaw mill-[eżekuzzjoni] ta' mandat ta' arrest Ewropew mill-perjodu totali ta' detenzjoni li għandu jiġi skontat fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat bħala riżultat ta' [kundanna għal piena jew miżura ta' sigurtà oħra li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà].

2. Għal dak il-għan, l-informazzjoni kollha dwar it-tul tad-detenzjoni tal-persuna rikjesta abbażi tal-mandat ta' arrest Ewropew għandha tkun [trażmessa] mill-awtorità ġudizzjarja ta' [eżekuzzjoni] jew l-awtorità ċentrali nnominata skond l-Artikolu 7 lill-awtorità ġudizzjarja emittenti fil-ħin tal-konsenja."

*Id-dritt Pollakk*

11 L-Artikolu 63(1), tal-kodeks karny (kodiċi kriminali), tas-6 ta' Ġunju 1997 (Dz. U. Nru 88, pożizzjoni 553), jipprevedi li l-perijodi ta' ċaħda effettiva tal-libertà għandhom jitnaqqsu mill-piena mogħtija, b'arrotondiment lejn jum sħiħ, peress li jum ta' ċaħda effettiva tal-libertà jikkorrispondi għal jum ta' piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà, għal jumejn ta' piena li tillimita l-libertà u għal jumejn ta' multa. Il-jum, fis-sens tal-Artikolu 63(1) jikkorrispondi għal perijodu ta' 24 siegħa dekorribbli miċ-ċaħda effettiva tal-libertà.

12 Skont Artikolu 607f tal-kodeks postępowania karnego (kodiċi tal-proċedura kriminali), tas-6 ta' Ġunju 1997 (Dz. U. Nru 89, pożizzjoni 555, iktar 'il quddiem il-"kodiċi tal-proċedura kriminali"), li jittrasponi l-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584 fl-ordinament ġuridiku Pollakk, il-perijodi ta' ċaħda effettiva tal-libertà skontati fl-Istat Membru li jeżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew bil-ħsieb tal-konsenja għandhom jitnaqqsu mill-piena mogħtija jew eżegwita.

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

13 Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Marzu 2007, is-Sąd Rejonowy dla Łodzi-Śródmieścia w Łodzi (qorti tal-muniċipalità ta' Łódź – ċentru ta' Łódź, il-Polonja) ikkundannat lil JZ għal piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà ta' tliet snin u xahrejn.

14 Peress li JZ ħarab mill-ġustizzja Pollakka, inħareġ fil-konfront tiegħu mandat ta' arrest Ewropew. Fit-18 ta' Ġunju 2014, JZ ġie arrestat mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, in eżekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' arrest Ewropew, u ġie inkarċerat sad-19 ta' Ġunju 2014. Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Ġunju 2015, l-imsemmija qorti naqqset dan il-perijodu mill-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà li JZ kellu jiskonta fil-Polonja.

15 Mid-19 ta' Ġunju 2014 sal-4 ta' Mejju 2015, JZ, li ngħata l-libertà abbażi tal-ħlas ta' garanzija ta' GBP 2000 (lira sterlina), ġie ssuġġettat għall-obbligu li jirrinkaża ruħu fl-indirizz indikat minnu, mill-22.00 sas-7.00 ta' filgħodu, liema obbligu kien akkumpanjat minn sorveljanza elettronika. Barra minn hekk, JZ ġie ssuġġettat għall-obbligu li jippreżenta ruħu fl-għassa tal-pulizija, l-ewwel sebat ijiem fil-ġimgħa, imbagħad, wara tliet xhur, tliet darbiet fil-ġimgħa, bejn l-10.00 u nofsinhar, li ma jitlobx il-ħruġ ta' dokumenti li jippermettulu li jivvjaġġa barra mill-pajjiż u għall-obbligu li jżomm fuqu f'kull ħin telefon ċellulari li jkun jaħdem u ċċarġjat. Dawn il-miżuri ġew applikati sal-14 ta' Mejju 2015, id-data li fiha l-persuna kkonċernata ġiet ikkonsenjata lill-awtoritajiet Pollakki.

16 Quddiem il-qorti tar-rinviju, JZ talab li mill-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà jitnaqqas il-perijodu li matulu huwa kien taħt arrest domiċiljarju fir-Renju Unit u suġġett għal sorveljanza elettronika. Huwa jsostni b'mod partikolari li, skont l-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584, id-deċiżjoni marbuta mal-imputazzjoni tal-miżura ta' sigurtà fuq il-piena imposta għandha tittieħed abbażi ta' dispożizzjonijiet vinkolanti fir-Renju Unit, li jistabbilixxu li miżura ta' sigurtà li tinvolvi l-issuġġettar tal-persuna kkonċernata għal sorveljanza elettronika għal perijodu ta' tmien sigħat jew iktar kuljum għandha, fl-opinjoni tiegħu, titqies li hija piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà.

17 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li t-tnaqqis mill-piena imposta, tal-perijodi ta' arrest domiċiljarju akkumpanjat minn sorveljanza elettronika tal-post ta' soġġorn, ma huwa possibbli fid-dritt Pollakk fil-każ biss li l-perijodi ta' arrest domiċiljarju kienu ta' mhux inqas minn disa' sigħat kuljum u li, bħala regoli ġenerali, l-imputazzjoni tikkonċerna nofs il-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżura, b'arrotondiment lejn jum sħiħ.

18 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-obbligu impost fuq JZ li jirrinkaża ruħu fil-post ta' soġġorn tiegħu matul il-lejl wasslu sabiex jitlef xogħlu, peress li dan kien ta' natura temporanja u li l-persuna li kienet timpjegah ma kinitx obbligata li taddatta s-sigħat tax-xogħol skont id-disponibbiltà ta' dan tal-aħħar. Barra minn hekk, matul l-ewwel tliet xhur tal-perijodu ta' arrest domiċiljarju, JZ kien obbligat li jippreżenta ruħu fl-għassa tal-pulizija li kienet tinsab madwar 16 km bogħod mir-residenza tiegħu, kull jum tal-ġimgħa, bejn l-10.00 u nofsinhar. Kien biss meta skorrew dawn it-tliet xhur li l-frekwenza ta' dawn il-viżiti tnaqqset għal tliet darbiet fil-ġimgħa u li JZ kellu l-possibbiltà li jippreżenta ruħu fl-għassa tal-pulizija l-iktar viċina tal-post ta' residenza tiegħu. Matul dan il-perijodu, il-persuna kkonċernata ma kinitx f'pożizzjoni li ssib xogħol kompatibbli mad-disponibbiltajiet tagħha fil-qasam tal-ħinijiet. Għaldaqstant huwa baqa' fil-post ta' soġġorn tiegħu, fil-kumpannija ta' uliedu u kienet biss martu li ħadmet.

19 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "detenzjoni", li tinsab fl-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584, hija essenzjali għall-interpretazzjoni u applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jippermettu t-tnaqqis tal-perijodi tal-pieni li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà, fosthom l-Artikolu 607f tal-kodiċi tal-proċedura kriminali, li ġie inserit fil-leġiżlazzjoni Pollakka sabiex tiġi trasposta d-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584.

20 F'dan ir-rigward, din il-qorti tirrileva li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "ċaħda effettiva tal-libertà", li jinsab fl-Artikolu 607f tal-kodiċi tal-proċedura kriminali, huwa sors ta' diverġenzi fil-ġurisprudenza kif ukoll fid-duttrina.

21 Il-qorti tar-rinviju tqis li, fid-dawl tal-premessa 12 tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584 u tal-Artikolu 6 TUE, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 26(1) ta’ din id-Deċiżjoni Kwadru għandha ssir b’kont meħud tal-Artikolu 5 tal-KEDB kif ukoll tal-interpretazzjoni ta’ dan l-artikolu mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

22 Minn dan jirriżulta li l-qorti nazzjonali għandu jkollha l-possibbiltà li tevalwa jekk, fil-kawża li tkun adita biha, il-miżuri kollha applikati fil-konfront tal-persuna kkundannata u t-tul tagħhom jippermettux li jiġi kkunsidrat li dawn il-miżuri jikkostitwixxu ċaħda tal-libertà, u, b’hekk, abbażi tal-liġijiet kollha kkonċernati u wara l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ interpretazzjoni konformi, li eventwalment tnaqqas il-perijodi li matulhom kienu ġew applikati l-imsemmija miżuri, mit-tul tal-piena imposta li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà.

23 Barra minn hekk, interpretazzjoni ristretta tal-kunċett ta’ “detenzjoni”, li tillimita l-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 202/584 biss għall-forom klassiċi ta’ ċaħda tal-libertà, bħall-priġunerija u d-detenzjoni provviżorja, tista’, skont il-qorti tar-rinviju, twassal għal ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, sanċit fl-Artikolu 49(3) tal-Karta.

24 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-kawża prinċipali hija kkaratterizzata minn akkumulazzjoni ta’ miżuri ta’ sigurtà differenti li, kkunsidrati flimkien, jistgħu jiġu interpretati bħala ċaħda tal-libertà. L-applikazzjoni ta’ dawn il-miżuri għal diversi xhur tista’, b’mod definittiv, titqies li hija piena addizzjonali subita minħabba l-istess ksur li għalih il-persuna kkundannata diġà ngħatat piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà għal żmien twil. F’dan ir-rigward, din il-qorti tirrileva li, matul il-perijodu ta’ arrest domiċiljarju, JZ ma kienx f’pożizzjoni li jsib xogħol imħallas kompatibbli mal-limitazzjonijiet fil-qasam tal-ħinijiet li kienu ġew imposti fuqu u li l-konjuġi tiegħu kellha terfa’ l-piż kollu tal-għajxien tal-familja.

25 F’dawn iċ-ċirkustanzi s-Sąd Rejonowy dla Łodzi-Śródmieścia w Łodzi (qorti tal-muniċipalità ta’ Łódź – ċentru ta’ Łódź, il-Polonja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

“L-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru [Nru 2002/584], moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) u (3) [TUE] u flimkien mal-Artikolu 49(3) tal-[Karta], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta’ “detenzjoni” jinkludi wkoll il-miżuri applikati mill-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni u li jikkonsistu fis-sorveljanza elettronika tal-post ta’ soġġorn tal-persuna li għaliha nħareġ il-mandat, flimkien ma’ arrest domiċiljarju?”

## Fuq il-proċedura b’urġenza

26 Il-qorti tar-rinviju talbet li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jkun suġġett għall-proċedura b’urġenza msemmija fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja

27 Insostenn tat-talba tagħha, din il-qorti tirrileva li JZ jinsab detenut u l-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà imposta fuqu tintemm fid-9 ta’ Marzu 2017. Barra minn hekk, hija tqis li, jekk jirriżulta li huwa neċessarju li jitnaqqas il-perijodu ta’ arrest domiċiljarju akkumpanjat minn sorveljanza elettronika jiġifieri mid-19 ta’ Ġunju 2014 sal-14 ta’ Mejju 2015 minn din il-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà, il-persuna kkonċernata jkollha tiġi lliberata immedjatament miċ-ċentru ta’ detenzjoni. Konsegwentement, l-imsemmija qorti tikkunsidra li d-data tal-liberazzjoni eventwali ta’ JZ tiddependi direttament fuq id-data li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni fuq ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari li hija adita biha.

28 F’dan ir-rigward, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584, li taqa’ taħt id-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Titolu V tat-tielet parti tat-Trattat FUE, dwar l-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja. Għalhekk dan ir-rinviju jista’ jkun suġġett għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari.

29 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kriterju marbut mal-urġenza, jeħtieġ, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tittieħed inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li l-persuna kkonċernata fil-kawża prinċipali hija attwalment imċaħħda mil-libertà u li ż-żamma tagħha f’detenzjoni tiddependi fuq l-eżitu tal-vertenza fil-kawża prinċipali (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta’ Mejju 2016, Dworzecki, C-108/16 PPU, EU:C:2016:346, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata). F’dan il-każ, mill-elementi trażmessi mill-qorti tar-rinviju u mfakkra fil-punt 27 ta’ din is-sentenza, jirriżulta li JZ huwa attwalment imċaħħad mil-libertà u li ż-żamma tiegħu f’detenzjoni tiddependi mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, sa fejn risposta affermattiva minn din tal-aħħar għad-domanda magħmula tista’ tirriżulta fil-liberazzjoni immedjata tiegħu.

30 F’dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Raba’ Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-6 ta’ Ġunju 2016, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li tilqa’ t-talba tal-qorti tar-rinviju intiża sabiex ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jinstema’ bil-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari.

## Fuq id-domanda preliminari

31 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584 għandux jiġi interpretat fis-sens li miżuri bħal arrest domiċiljarju għal perijodu ta’ disa’ sigħat matul il-lejl, akkumpanjat minn sorveljanza tal-persuna kkonċernata permezz ta’ ċappetta elettronika, minn obbligu li l-persuna kkonċernata tippreżenta ruħha kuljum jew diversi drabi fil-ġimgħa fl-għassa tal-pulizija f’ħinijiet fissi, kif ukoll minn projbizzjoni li din titlob il-ħruġ ta’ dokumenti li jippermettulha li tivvjaġġa barra mill-pajjiż, jistgħux jiġu kklassifikati bħala “detenzjoni”, fis-sens tal-Artikolu 26(1).

32 Preliminarjament, jeħtieġ li jitfakkar li n-natura vinkolanti tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584 tobbliga lill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru tal-ħruġ tal-mandat ta’ arrest Ewropew li tagħti interpretazzjoni konformi mad-dritt nazzjonali. B’hekk, din l-awtorità hija obbligata li tinterpreta d-dritt nazzjonali tagħha kemm jista’ jkun fid-dawl tat-test u l-finalità ta’ din id-Deċiżjoni Kwadru, bil-għan li tilħaq ir-riżultat previst minn din tal-aħħar (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta’ Settembru 2012, Lopes Da Silva Jorge, C-42/11, EU:C:2012:517, punti 53 u 54 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

33 Ċertament, dan l-obbligu ta’ interpretazzjoni konformi huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt u ma jistax iservi bħala bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali. Xorta jibqa’ l-fatt li l-prinċipju ta’ interpretazzjoni konformi jeżiġi li l-qrati nazzjonali jagħmlu dak kollu li jinsab fil-kompetenza tagħhom, billi jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt intern kollu u billi japplikaw metodi ta’ interpretazzjoni rikonoxxuti minn dan id-dritt, sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-Deċiżjoni Kwadru kkonċernata u sabiex tinstab soluzzjoni konformi mal-għan imfittex minnha (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta’ Settembru 2012, Lopes Da Silva Jorge, C-42/11, EU:C:2012:517, punti 55 u 56 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

34 Skont l-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584, l-Istat Membru tal-ħruġ għandu jnaqqas kull perijodu ta’ detenzjoni li jirriżulta mill-eżekuzzjoni ta’ mandat ta’ arrest Ewropew, mill-perijodu totali ta’ ċaħda tal-libertà li għandu jiġi skontat f’dan l-Istat Membru, wara l-kundanna għal piena jew miżura ta’ sigurtà li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà.

35 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, kemm mir-rekwiżiti ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li ma tagħmel ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha, għandhom normalment jiġu interpretati b'mod awtonomu u uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Kozłowski, C-66/08, EU:C:2008:437, punt 42, u tal-24 ta' Mejju 2016, Dworzecki, C-108/16 PPU, EU:C:2016:346, punt 28).

36 Issa din id-dispożizzjoni ma tagħmel l-ebda riferiment għad-dritt tal-Istati Membri sabiex tiddetermina s-sens u l-portata tagħha.

37 Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat li l-kunċett ta' "detenzjoni", li jinsab fl-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584, huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu u uniformi fit-territorju ta' din tal-aħħar billi jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm it-termini ta' din id-dispożizzjoni, kemm il-kuntest tagħha kif ukoll l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2015, Saudaçor, C-174/14, EU:C:2015:733, punt 52).

38 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kliem tal-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584, hemm lok li jitfakkar li l-formulazzjoni użata f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax isservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jew tingħata natura prijoritarja meta mqabbla ma' verżjonijiet lingwistiċi oħra. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi, fid-dawl tal-verżjonijiet redatti bil-lingwi kollha tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' April 2015, Léger, C-528/13, EU:C:2015:288, punt 35).

39 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li jeżistu diverġenzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584. Fil-fatt, bħala eżempji, filwaqt li l-verżjonijiet bil-lingwa Ġermaniża, Griega u Franċiża jużaw it-termini "*Freiheitsentzugs*", "*στέρηση της ελευθερίας*" u "*privation de liberté*" sabiex jagħmlu riferiment għat-trattament li l-persuna kkonċernata jkollha tkun suġġetta għalih fl-Istat Membru tal-ħruġ u t-termini "*Haft*", "*κράτηση*" u "*détention*" sabiex jagħmlu riferiment għall-perijodu li għandu jitnaqqas mill-kundanna imposta, il-verżjonijiet bil-lingwa Ingliża u Pollakka jużaw biss, fl-imsemmi Artikolu 26(1) it-terminu "*detention*" u "*zatrzymania*". Għall-kuntrarju, il-verżjoni bil-lingwa Olandiża ta' din id-dispożizzjoni tuża biss it-terminu " *vrijheidsbeneming*", li jikkorrispondi għat-termini "ċaħda tal-libertà".

40 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat, minn naħa, li t-termini "detenzjoni" u "ċaħda tal-libertà" jintużaw b'mod interkambjabbli fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti tal-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584 u, min-naħa l-oħra, li dawn il-kunċetti huma kunċetti simili, li s-sens abitwali tagħhom jirreferi għal sitwazzjoni, ta' priġunerija jew ta' inkarċerazzjoni, u mhux għal sempliċi restrizzjoni tal-libertà ta' moviment.

41 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kuntest li jaqa' taħtu l-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 12 ta' din tal-aħħar jipprevedi li, meta persuna tiġi arrestata abbażi ta' mandat ta' arrest Ewropew, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tiddeċiedi konformement mad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jekk jeħtieġx li din tinżamm f'detenzjoni, filwaqt li jispeċifika li, f'kull mument u konformement ma' dan l-istess dritt, tista' tingħata deċiżjoni dwar l-għoti tal-libertà provviżorja lill-persuna kkonċernata, bil-kundizzjoni li l-awtorità kompetenti tadotta kull miżura li hija tqis neċessarja bil-għan li jiġi evitat li l-persuna taħrab. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li teżisti alternattiva għad-"detenzjoni", jiġifieri l-għoti tal-libertà provviżorja, akkumpanjata minn miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu lil persuna kkonċernata milli taħrab.

42 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-għan segwit mill-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584, hemm lok li jiġi indikat, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 60 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-obbligu, previst f'dan l-artikolu, li jitnaqqas il-perijodu ta' detenzjoni li jirriżulta

mill-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew mill-perijodu totali ta' ċaħda tal-libertà li l-persuna kkonċernata jkollha tiskonta fl-Istat Membru tal-ħruġ, huwa intiż sabiex jikkonkretizza l-għan ġenerali tar-rispett lejn id-drittijiet fundamentali, kif previst fil-premessa 12 u kif imfakkar fl-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584, filwaqt li jiġi ppreżervat id-dritt għal-libertà tal-persuna kkonċernata, sanċit fl-Artikolu 6 tal-Karta, kif ukoll l-effett utli tal-prinċipju ta' proporzjonalità fl-applikazzjoni tal-pieni, fis-sens tal-Artikolu 49(3) tal-Karta.

43 Fil-fatt, sa fejn jimponi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodu kollu li matulu l-persuna kkundannata tkun inżammet fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, l-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584 jiggarantixxi li din il-persuna ma tiġix sottoposta, b'mod definittiv, għal detenzjoni li t-tul tagħha — kemm fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni kif ukoll fl-Istat Membru tal-ħruġ — jkun jeċċedi t-tul tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà li għaliha tkun ġiet ikkundannata fl-Istat Membru tal-ħruġ.

44 F'dan ir-rigward, kif indikaw il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni Ewropea kemm fl-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub kif ukoll waqt is-seduta, l-effett ta' ċaħda tal-libertà, li jikkostitwixxi detenzjoni, jista' jikkaratterizza kemm priġunerija kif ukoll, f'każijiet eċċezzjonali, miżuri oħra li, mingħajr ma jikkostitwixxu inkarċerazzjoni fis-sens strett, huma madankollu tant restrittivi li jkollhom jiġu assimilati ma' tali inkarċerazzjoni. Dan ikun il-każ meta l-miżuri minħabba l-ġeneru, it-tul l-effetti u l-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tagħhom, ikunu jammontaw għal livell ta' intensità tali li jċaħħdu l-persuna kkonċernata mill-libertà tagħha b'mod paragunabbli ma' inkarċerazzjoni.

45 Minn dan isegwi li l-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584 ma jistax jiġi interpretat bħala li sempliċement jobbliga lill-Istat Membru tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew li jnaqqas biss dawk il-perijodi ta' inkarċerazzjoni skontati fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, bl-esklużjoni tal-perijodi li matulhom ikunu ġew applikati miżuri oħra, li jinvolvu ċaħda tal-libertà b'effetti paragunabbli ma' dawk ta' inkarċerazzjoni.

46 Bl-istess mod, mill-kliem, mill-kuntest u mill-għan tal-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584 jirriżulta li l-kunċett ta' "detenzjoni", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jagħmel riferiment għal miżura li mhux tillimita l-libertà iżda li tiċħadha u li ma għandhiex neċessarjament tkun fil-forma ta' inkarċerazzjoni.

47 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, u, b'mod partikolari, tad-distinzjoni li għandha ssir bejn il-miżuri li jillimitaw il-libertà, minn naħa, u dawk li jiċħdu l-libertà, min-naħa l-oħra, il-kunċett ta' "detenzjoni", fis-sens tal-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584, għandu jiġi interpretat bħala li jkopri, minbarra l-inkarċerazzjoni, kull miżura jew kull assjem ta' miżuri imposti fuq il-persuna kkonċernata, li, minħabba l-ġeneru tagħhom, it-tul tagħhom, l-effetti tagħhom u l-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tagħhom, iċaħħdu lill-persuna kkonċernata mil-libertà tagħha b'mod paragunabbli ma' inkarċerazzjoni.

48 F'dan ir-rigward jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem marbuta mal-kunċett ta' "dritt għal-libertà", previst fl-Artikolu 5(1) tal-KEDB, li jikkorrispondi għall-Artikolu 6 tal-Karta, tikkorrobora din l-interpretazzjoni.

49 F'dan il-kuntest jeħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 52(3) tal-Karta jispeċifika li, sakemm din tal-aħħar tinkludi drittijiet li jikkorrispondu għal dawk iggarantiti mill-KEDB, is-sinjifikat u l-portata tagħhom huma l-istess bħal dawk li tagħtihom din il-konvenzjoni.

50 F'dan ir-rigward jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet marbuta ma' dan l-Artikolu 52(3), liema spjegazzjonijiet għandhom, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE u l-Artikolu 52(7) tal-Karta, jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 20, kif ukoll tas-27 ta' Mejju 2014, Spasic, C-129/14 PPU, EU:C:2014:586, punt 54), li l-Artikolu 52(3) tal-Karta huwa maħsub sabiex jiżgura l-koerenza neċessarja bejn id-drittijiet inklużi fil-Karta u d-drittijiet korrispondenti ggarantiti mill-KEDB, u dan

mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Frar 2016, is-sentenza N., C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 47).

51 Skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, id-"dritt għal-libertà", sanċit fl-Artikolu 5(1) tal-KEDB, ma jkoprix ir-restrizzjonijiet sempliċi tal-libertà tal-moviment, iżda biss il-miżuri taċ-ċaħda tal-libertà. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ddeċidiet li sabiex jiġi ddeterminat jekk individwu ġiex "imċaħħad mil-libertà tiegħu", fis-sens tal-Artikolu 5 tal-KEDB, il-punt tat-tluq għandu jkun is-sitwazzjoni konkreta tiegħu u għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kriterji kollha bħall-ġeneru, it-tul, l-effetti u l-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-miżura kkunsidrata (ara, f'dan is-sens, Il-Qorti EDB, 6 ta' Novembru 1980, Guzzardi vs L-Italja, CE:ECHR:1980:1106JUD000736776, punt 92, u tal-5 ta' Lulju 2016, Buzadji vs Ir-Repubblika tal-Moldova, CE:ECHR:2016:0705JUD002375507, punt 103).

52 F'dan ir-rigward, Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sentenza tagħha tal-20 ta' April 2010, Villa vs L-Italja (CE:ECHR:2010:0420JUD001967506, punti 43 u 44), ikkunsidrat li miżuri li jobbligaw lill-persuna kkonċernata li tippreżenta ruħha darba fix-xahar quddiem l-awtorità tal-pulizija inkarigata mis-sorveljanza, li żżomm kuntatt maċ-ċentri psikjatriċi tal-isptar ikkonċernat, li tirrisjedi f'post speċifiku, li ma titbegħidx mill-komun li hija resident fih kif ukoll li tirrinkaża ruħha bejn l-22.00 u s-7.00 ta' filgħodu, ma jikkostitwixxux ċaħda tal-libertà, fis-sens tal-Artikolu 5(1) tal-KEDB.

53 Waqt l-implementazzjoni tal-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584, l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew hija obbligata li teżamina jekk il-miżuri adottati fil-konfront tal-persuna kkonċernata fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandhomx jiġu assimilati ma' ċaħda tal-libertà, kif indikat fil-punt 47 ta' din is-sentenza, u jikkostitwixxux, għaldaqstant, detenzjoni, fis-sens tal-Artikolu 26(1). Jekk fil-kuntest ta' dan l-eżami, din l-awtorità ġudizzjarja tasal għall-konklużjoni li dan huwa l-każ, l-imsemmi Artikolu 26(1) jistabbilixxi li għandu jitnaqqas il-perijodu kollu li matulu ġew applikati dawn il-miżuri mill-perijodu ta' ċaħda tal-libertà li din il-persuna jkollha tiskonta fl-Istat Membru tal-ħruġ mandat ta' arrest Ewropew.

54 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li, għalkemm miżuri bħal arrest domiċiljarju għal perijodu ta' disa' sigħat matul il-lejl, akkumpanjat minn sorveljanza tal-persuna kkonċernata permezz ta' ċappetta elettronika, minn obbligu li l-persuna kkonċernata tippreżenta ruħha kuljum jew diversi drabi fil-ġimgħa f'għassa tal-pulizija f'ħinijiet stabbiliti, kif ukoll minn projbizzjoni li l-istess persuna titlob il-ħruġ ta' dokumenti li jippermettulha li tivvjaġġa barra mill-pajjiż ċertament jillimitaw il-libertà ta' moviment tal-persuna kkonċernata, bħala prinċipju, dawn ma humiex madankollu, tant limitattivi sabiex jammontaw għal effett ta' ċaħda tal-libertà u biex b'hekk jiġu kklassifikati bħala "detenzjoni", fis-sens tal-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584.

55 Madankollu, peress li l-imsemmi Artikolu 26(1) sempliċement jimponi livell minimu ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna suġġetta għall-mandat ta' arrest Ewropew, dan tal-aħħar ma jistax jiġi interpretat, kif jirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 72 tal-konklużjonijiet tiegħu, bħala li jipprekludi lill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru tal-ħruġ ta' dan il-mandat ta' arrest, mill-possibbiltà li, unikament abbażi tad-dritt nazzjonali, tnaqqas mill-perijodu totali ta' ċaħda tal-libertà li l-persuna kkonċernata jkollha tiskonta f'dan l-Istat Membru, il-perijodu kollu jew parti minnu, li matulu din il-persuna tkun ġiet suġġetta, fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, għal miżuri li ma jinvolvux ċaħda tal-libertà, iżda biss restrizzjoni tagħha.

56 Fl-aħħar jeħtieġ li jitfakkar li, waqt l-eżami previst fil-punt 53 ta' din is-sentenza, l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew tista', abbażi tal-Artikolu 26(2) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584, titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni kull informazzjoni li t-trażmissjoni tagħha titqies li hija neċessarja.

57 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li jeħtieġ li tingħata risposta għad-domanda magħmula li l-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru Nru 2002/584 għandu jiġi interpretat fis-sens li miżuri bħal arrest domiċiljarju għal perijodu ta' disa' sigħat matul il-lejl, akkumpanjat minn sorveljanza tal-persuna kkonċernata permezz ta' ċappetta elettronika, minn obbligu li l-persuna kkonċernata tippreżenta ruħha kuljum jew diversi drabi fil-ġimgħa f'għassa tal-pulizija f'ħinijiet stabbiliti, kif ukoll minn projbizzjoni li l-istess persuna titlob il-ħruġ ta' dokumenti li jippermettulha li tivvjaġġa barra mill-pajjiż, ma humiex, bħala prinċipju, fid-dawl tal-ġeneru, tat-tul, tal-effetti u tal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni ta' dawn il-miżuri, tant limitattivi sabiex jammontaw għal effett ta' ċaħda tal-libertà paragunabbli mal-effett naxxenti minn inkarċerazzjoni u biex b'hekk jiġu kklassifikati bħala "detenzjoni", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, fatt madankollu li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

## Fuq l-ispejjeż

58 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li miżuri bħal arrest domiċiljarju għal perijodu ta' disa' sigħat matul il-lejl, akkumpanjat minn sorveljanza tal-persuna kkonċernata permezz ta' ċappetta elettronika, minn obbligu li l-persuna kkonċernata tippreżenta ruħha kuljum jew diversi drabi fil-ġimgħa f'għassa tal-pulizija f'ħinijiet stabbiliti, kif ukoll minn projbizzjoni li l-istess persuna titlob il-ħruġ ta' dokumenti li jippermettulha li tivvjaġġa barra mill-pajjiż, ma humiex, bħala prinċipju, fid-dawl tal-ġeneru, tat-tul, tal-effetti u tal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni ta' dawn il-miżuri, tant limitattivi sabiex jammontaw għal effett ta' ċaħda tal-libertà paragunabbli ma' l-effett naxxenti minn inkarċerazzjoni u biex b'hekk jiġu kklassifikati bħala "detenzjoni", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, fatt madankollu li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.**

Firem